SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

20 ta' Marzu 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2003/6/KE – Manipulazzjoni tas-suq – Sanzjonijiet – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi sanzjoni amministrattiva u sanzjoni kriminali għall-istess fatti – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 50 – Prinċipju ta' *ne bis in idem* – Natura kriminali tas-sanzjoni amministrattiva – Eżistenza tal-istess ksur – Artikolu 52(1) – Limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' *ne bis in idem* – Kundizzjonijiet"

Fil-Kawża C-537/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Ottubru 2016, fil-proċedura

**Garlsson Real Estate SA**, fi stralċ,

**Stefano Ricucci,**

**Magiste International SA**

vs

**Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, M. Ilešič, T. von Danwitz (Relatur), A. Rosas u E. Levits, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, S. Rodin, F. Biltgen, K. Jürimäe, C. Lycourgos u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Mejju 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Garlsson Real Estate SA, fi stralċ, S. Ricucci kif ukoll Magiste International SA, minn M. Canfora, avvocato,

– għall-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob), minn A. Valente, S. Providenti u P. Palmisano, avvocati,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. Galluzzo u minn P. Gentili, avvocati dello Stato,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u D. Klebs, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Di Bucci, R. Troosters u T. Scharf, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2017,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), moqri fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, Garlsson Real Estate SA, fi stralċ, Stefano Ricucci u Magiste International SA u, min-naħa l-oħra, il-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Kumpanniji u l-Borża, l-Italja) (iktar 'il quddiem "Consob"), dwar il-legalità ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja li ġiet imposta fuqhom minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-aġir ta' manipulazzjoni tas-suq.

### Il-kuntest ġuridiku

### *Il-KEDB*

3 L-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-KEDB, intitolat "Id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn", jipprovdi:

"1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inkwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni."

### *Id-dritt tal-Unjoni*

4 Konformement mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 367), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lil kull persuna milli tinvolvi ruħha f'manipulazzjoni tas-suq. L-aġir li jikkostitwixxi manipulazzjoni tas-suq huwa ddeterminat fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva.

5 Skont l-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva:

"Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali, Stati Membri għandhom jassiguraw, in konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li l-miżuri amministrattivi approprjati jistgħu jittieħdu jew sanzjonijiet amministrattivi jiġu imposti kontra l-persuni responsabbli meta ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li dawn il-miżuri huma effettivi, proporzjonati u dissważivi."

### *Id-dritt Taljan*

6 L-Artikolu 185 tad-decreto legislativo n. 58 – Testo unico delle disposizioni in materia di intermediazione finanziaria, ai sensi degli articoli 8 e 21 della legge 6 febbraio 1996, n. 52 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 dwar test uniku ta' dispożizzjonijiet dwar l-intermedjazzjoni finanzjarja, fis-sens tal-Artikoli 8 u 21 tal-Liġi tas-6 ta' Frar 1996, Nru 52), tal-24 ta' Frar 1998 (Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 71, tas-26 ta' Marzu 1998), kif emendat bil-legge n. 62 – Disposizioni per l'adempimento di obblighi derivanti dall'appartenenza dell'Italia alle Comunità europee. Legge comunitaria 2004 (il-Liġi Nru 62, dwar dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jimplementaw l-obbligi li joħorġu mis-sħubija tal-Italja mal-Komunità Ewropea, id-dritt Komunitarju tal-2004), tat-18 ta' April 2005 (Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 76, tas-27 ta' April 2005) (iktar 'il quddiem it-"TUF"), intitolat "Manipulazzjoni tas-suq", jipprovdi:

"1. Min ixerred aħbarijiet foloz jew iwettaq operazzjonijiet simulati jew juża mezzi oħra, speċifikament, sabiex jikkawża bidla sinjifikanti fil-prezz ta' strumenti finanzjarji għandu jiġi punit bi priġunerija bejn sena u 6 snin u multa ta' bejn għoxrin elf u ħames miljun Euro.

2. L-imħallef jista' jżid il-multa sat-tripplu tal-ammont tagħha jew sa ammont superjuri ugwali għal għaxar darbiet iktar mill-prodott jew il-benefiċċju miksub mir-reat, meta l-multa tkun insuffiċjenti, minkejja li jkun ġie applikat l-ammont massimu, fid-dawl tal-gravità tal-aġir li jikkostitwixxi ksur, il-kwalitajiet personali tat-trasgressur jew l-ammont tal-prodott jew tal-benefiċċju miksub."

7 L-Artikolu 187b tat-TUF, intitolat "Manipulazzjoni tas-suq", huwa fformulat kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet kriminali, jekk l-att jikkostitwixxi reat, għandu jiġi punit b'sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' bejn għoxrin elf u ħames miljun Euro kull min, permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni, inkluż l-internet jew kull mezz ieħor, ixerred informazzjoni, xnigħat, aħbarijiet foloz jew qarrieqa li jipprovdu jew jistgħu jipprovdu indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa rigward l-istrumenti finanzjarji."

[…]

3. Bla ħsara għas-sanzjonijiet kriminali meta l-fatt ikun kriminali, l-istess sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kull persuna li twettaq:

[…]

c) transazzjonijiet jew ordnijiet ta' bejgħ li jużaw strateġemmi jew kwalunkwe tip ieħor ta' qerq jew ta' kontravenzjoni:

[...]

5. Is-sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji previsti fil-paragrafi preċedenti għandhom jiżdiedu sa tliet darbiet [l-ammont previst] jew ammont superjuri ta' għaxar darbiet il-prodott jew il-profitt miksub mill-ksur meta, fid-dawl tad-dannu kkawżat mill-fatti, tal-kwalità tat-trasgressur jew tal-ammont tal-prodott jew tal-profitt miksub b'dan il-mod, jew minħabba effetti prodotti fis-suq, is-sanzjonijiet ikunu insuffiċjenti, anki jekk jiġi applikat l-ammont massimu.

[...]"

8 L-Artikolu 187i tat-TUF, intitolat "Relazzjonijiet mal-ġudikatura", jistipula:

"1. Meta jkollu għarfien ta' xi wieħed mill-ksur previsti mill-Kapitolu II, l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jinforma mingħajr dewmien lill-President tal-[Consob] dwar dan.

2. Il-President tal-[Consob] għandu jibgħat lill-Uffiċċju tal-Prosekutur, permezz ta' rapport motivat, id-dokumentazzjoni miġbura fl-eżerċizzju tal-attività ta' verifika malli jinstabu elementi li jippuntaw lejn l-eżistenza ta' ksur. L-atti għandhom jintbagħtu lill-Uffiċċju tal-Prosekutur l-iktar tard fl-aħħar tal-attività ta' determinazzjoni tal-ksur imsemmi fid-dispożizzjonijiet previsti fil-Kapitolu III ta' dan it-titolu.

3. Il-[Consob] u l-awtorità ġudizzjarja għandhom jikkoperaw bejniethom, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, bl-għan li jiffaċilitaw id-determinazzjoni tal-ksur imsemmi f'dan it-titolu, inkluż meta dan il-ksur ma jkunx jikkostitwixxi reat. [...]"

9 L-Artikolu 187k(1) tat-TUF, intitolat "Relazzjonijiet bejn il-proċedura kriminali u l-proċedura amministrattiva u dik ta' oppożizzjoni", jipprovdi:

"Il-proċedura amministrattiva ta' determinazzjoni u l-proċedura ta' oppożizzjoni [...] ma jistgħux jiġu sospiżi minħabba l-fatt li jkun hemm proċeduri kriminali pendenti li s-suġġett tagħhom ikunu l-istess fatti jew fatti li d-determinazzjoni tagħhom tiddependi fuq id-deċiżjoni korrispondenti."

10 Konformement mal-Artikolu 187l tat-TUF, intitolat "Eżekuzzjoni tal-pieni pekunjarji u tas-sanzjonijiet pekunjarji fil-proċess kriminali":

"Meta tkun ingħatat sanzjoni amministrattiva pekunjarja [...] għall-istess att lit-trasgressur jew lill-persuna ġuridika [...] il-ħlas tal-piena pekunjarja u tas-sanzjoni pekunjarja li jirriżultaw mir-reat għandu jkun limitat għall-parti li taqbeż dak miġbur mill-awtorità amministrattiva."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Settembru 2007, il-Consob imponiet sanzjoni amministrattiva pekunjarja fl-ammont ta' EUR 10.2 miljun fuq S. Ricucci kif ukoll fuq Magiste International u fuq Garlsson Real Estate, responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' din is-somma.

12 Skont dik id-deċiżjoni, S. Ricucci, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għamel xi manipulazzjonijiet intiżi li jattiraw l-attenzjoni fuq it-titoli ta' RCS MediaGroup SpA u, permezz ta' dan, jeża l-prezz ta' dawn it-titoli għal finijiet personali. Il-Consob qieset li dan l-aġir kellu bħala konsegwenza evoluzzjoni mhux normali tal-imsemmija titoli u li dan kien, sussegwentement, jikkostitwixxi manipulazzjoni tas-suq fis-sens tal-Artiklu 187b(3)(c) tat-TUF.

13 Is-sanzjoni amministrattiva pekunjarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet ikkontestata minn S. Ricucci kif ukoll minn Magiste International u Garlsson Real Estate quddiem il-Corte d'appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta' Ruma, l-Italja). Permezz ta' sentenza tat-2 ta' Jannar 2009, dik il-qorti laqgħet ir-rikors parzjalment billi naqqset l-imsemmija sanzjoni amministrattiva pekunjarja għal EUR 5 miljun. Il-partijiet kollha għall-kawża prinċipali appellaw fil-kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja).

14 L-aġir deskritt fil-punt 12 ta' din is-sentenza ta lok ukoll għal proċeduri kriminali kontra S. Ricucci, li fihom ġie kkundannat, permezz ta' sentenza tat-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma, l-Italja) tal-10 ta' Diċembru 2008, skont il-proċedura nnegozjata, għal piena ta' priġunerija ta' erba' snin u sitt xhur abbażi tal-Artikolu 185 tat-TUF. Din il-piena sussegwentement ġiet imnaqqsa għal tliet snin, u sussegwentement imħassra grazzi għal maħfra. L-imsemmija sentenza saret definittiva.

15 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tindika li, fl-ordinament ġuridiku Taljan, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma japplikax għar-relazzjonijiet bejn sanzjonijiet kriminali u sanzjonijiet amministrattivi.

16 Din il-qorti għandha madankollu xi dubji dwar il-kompatibbiltà, wara s-sentenza tat-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma) tal-10 ta' Diċembru 2008, tal-proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali mal-Artikolu 50 tal-Karta, moqri fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-KEDB.

17 Fil-fatt, skont l-imsemmija qorti, filwaqt li din is-sentenza hija assimilata, fl-ordinament ġuridiku Taljan, ma' sentenza kriminali ta' kundanna, is-sanzjoni amministrattiva pekunjarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali imposta skont l-Artikolu 187b tat-TUF hija ta' natura kriminali fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-KEDB, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu 2014, Grande Stevens *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2014:0304JUD001864010). Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-aġir ikkritikat ta' S. Ricucci fil-kuntest ta' din il-proċedura amministrattiva huwa l-istess bħal dak li abbażi tiegħu ġiet imposta s-sanzjoni kriminali fuqu.

18 Peress li qieset li l-applikazzjoni tal-Artikolu 187b tat-TUF fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali tqajjem kwistjonijiet dwar il-kostituzzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja).

19 Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) iddikjarat il-kwistjoni ta' kostituzzjonalità inammissibbli, għar-raġuni li l-qorti tar-rinviju ma kinitx iċċarat, preliminarjament, ir-relazzjonijiet bejn il-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-QEDB, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan l-istess prinċipju kif inhu applikabbli fil-kuntest tal-abbuż tas-suq skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, kif iggarantit mid-dritt tal-Unjoni, huwiex direttament applikabbli għas-sistema interna ta' Stat Membru.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte suprema di Cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 50 tal-[Karta], interpretat fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-[KEDB], tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, jipprekludi l-possibbiltà li titmexxa proċedura amministrattiva dwar fatti (aġir illegali li jikkonsisti f'manipulazzjoni tas-suq) li fir-rigward tagħhom l-istess persuna ngħatat kundanna kriminali definittiva?

2) Il-qorti nazzjonali tista' tapplika direttament il-prinċipji tal-Unjoni fir-rigward tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, abbażi tal-Artikolu 50 tal-[Karta], interpretat fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-[KEDB], tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 50 tal-Karta, moqri fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-KEDB, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li titmexxa proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja kontra persuna minħabba aġir illegali li jikkonsisti f'manipulazzjoni tas-suq li fir-rigward ta' dan l-aġir din il-persuna diġà ngħatat kundanna kriminali definittiva.

22 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/6, moqri flimkien mal-Artikolu 5 tagħha, l-Istati Membri għandhom jimponu, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li jimponu sanzjonijiet kriminali, miżuri jew sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-konfront tal-persuni responsabbli għal manipulazzjoni tas-suq.

23 Skont l-indikazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-Artikolu 187b tat-TUF ġie adottat sabiex jittrasponi fid-dritt Taljan dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/6. Għalhekk, il-proċedura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali u s-sanzjoni amministrattiva pekunjarja prevista f'dan l-Artikolu 187b imposta fuq S. Ricucci jikkostitwixxu implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Għaldaqstant, dawn għandhom b'mod partikolari jirrispettaw id-dritt fundamentali li persuna ma tiġix iġġudikata jew mogħtija piena darbtejn għall-istess ksur, iggarantit mill-Artikolu 50 tagħha.

24 Barra minn hekk, minkejja li, bħalma jikkonferma l-Artikolu 6(3) TUE, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-KEDB jiffurmaw parti mid-dritt tal-Unjoni bħala prinċipji ġenerali u minkejja li l-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprovdi li d-drittijiet inklużi f'din tal-aħħar, li jikkorrispondu għad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, għandhom jingħataw l-istess sens u l-istess portata mogħtija lilhom mill-imsemmija konvenzjoni, din tal-aħħar ma tikkostitwixxix, sa fejn l-Unjoni Ewropea ma adixxietx għaliha, strument ġuridiku formalment integrat fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 44, kif ukoll tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata.

25 Skont l-ispjegazzjonijiet relatati mal-Artikolu 52 tal-Karta, il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu huwa intiż sabiex jiżgura l-koerenza meħtieġa bejn il-Karta u l-KEDB, "mingħajr ma dan jaffetwa b'mod negattiv l-awtonomija tal-liġi ta' l-Unjoni u dik tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea" (sentenzi tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 47, u tal-14 ta' Settembru 2017, K., C-18/16, EU:C:2017:680, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għaldaqstant, l-eżami tad-domanda magħmula għandu jitwettaq fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 50 tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Orsi u Baldetti, C-217/15 u C-350/15, EU:C:2017:264, punt 15 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 L-Artikolu 50 tal-Karta jipprovdi li "[l]-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi." Għaldaqstant, il-prinċipju tan-*ne bis in idem* jipprekludi kumulu

kemm ta' proċeduri kif ukoll ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali fis-sens ta' dan l-artikolu għall-istess fatti u kontra l-istess persuna (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 34).

*Fuq in-natura kriminali tal-proċeduri u tas-sanzjonijiet*

28 F'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tan-natura kriminali ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali hemm lok jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tliet kriterji huma rilevanti. L-ewwel kriterju huwa dak dwar il-klassifikazzjoni legali tal-ksur fid-dritt nazzjonali, it-tieni wieħed huwa dak dwar in-natura stess tal-ksur u t-tielet wieħed huwa dwar il-grad ta' severità tas-sanzjoni li l-persuna kkonċernata tista' ġġarrab (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda, C-489/10, EU:C:2012:319, punt 37, u tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 35).

29 Filwaqt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl ta' dawn il-kriterji, jekk il-proċeduri u s-sanzjonijiet kriminali u amministrattivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhomx natura kriminali fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi dwar rinviju għal deċiżjoni preliminari, tista' madankollu tagħti indikazzjonijiet intiżi sabiex jiggwidaw lil dik il-qorti fl-interpretazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2014, Mahdi, C-146/14 PPU, EU:C:2014:1320, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, għandu qabelxejn jiġi speċifikat li l-klassifikazzjoni kriminali, fid-dawl tal-kriterji mfakkra fil-punt 28 ta' din is-sentenza, tal-proċeduri kriminali u tal-piena ta' priġunerija, imsemmija fil-punt 14 ta' din is-sentenza, li S. Ricucci kien suġġett għalihom, ma hijiex ikkontestata. Il-kwistjoni tqum, min-naħa l-oħra, dwar jekk is-sanzjoni amministrattiva pekunjarja u l-proċedura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex ta' natura penali, fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, jew le.

31 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-ewwel kriterju mfakkar fil-punt 28 ta' din is-sentenza, mill-proċess fid-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt nazzjonali jikklassifika l-proċedura li wasslet sabiex tiġi imposta din is-sanzjoni tal-aħħar bħala proċedura amministrattiva.

32 Madankollu, l-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta ma hijiex limitata biss għall-azzjonijiet u s-sanzjonijiet li huma kklassifikati bħala "kriminali" mid-dritt nazzjonali iżda testendi – indipendentement minn tali klassifikazzjoni – għal proċeduri u għal sanzjonijiet li għandhom jitqiesu li huma ta' natura kriminali abbażi taż-żewġ kriterji l-oħrajn imsemmija fl-imsemmi punt 28.

33 Fir-rigward tat-tieni kriterju, dwar in-natura nfisha tal-ksur, dan jimplika li għandu jiġi vverifikat jekk is-sanzjoni inkwistjoni għandhiex, b'mod partikolari, għan repressiv (ara s-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda, C-489/10, EU:C:2012:319, punt 39). Minn dan isegwi li sanzjoni li għandha għan repressiv hija ta' natura kriminali fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, u li l-fatt biss li hija għandha wkoll għan preventiv ma huwiex ta' natura li jneħħilha l-klassifikazzjoni tagħha ta' sanzjoni kriminali. Fil-fatt, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa fin-natura nfisha tas-sanzjonijiet kriminali li dawn ikunu intiżi kemm għar-repressjoni kif ukoll għall-prevenzjoni ta' aġir illegali. Min-naħa l-oħra, miżura li sempliċement tirrepara d-dannu kkawżat mill-ksur ikkonċernat ma għandhiex natura kriminali.

34 F'dan il-każ, l-Artikolu 187b tat-TUF jipprevedi li kwalunkwe persuna li tkun wettqet manipulazzjoni tas-suq għandha tiġi punita b'sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' bejn għoxrin elf u ħames miljun Euro, u din is-sanzjoni tista', f'ċerti ċirkustanzi, bħalma jirriżulta mill-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, tiżdied sa tliet darbiet l-ammont tagħha jew ammont ugwali għal għaxar darbiet il-prodott jew il-profitt miksub mill-ksur. Barra minn hekk, il-Gvern Taljan speċifika, fis-sottomissjonijiet mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-applikazzjoni ta' din is-sanzjoni dejjem iġġib magħha l-konfiska tal-prodott jew tal-profitt miksub minħabba l-ksur u tal-oġġetti użati sabiex jitwettaq. Jidher għaldaqstant li

l-imsemmija sanzjoni ma għandhiex l-għan sempliċement li tirrepara d-dannu kkawżat mill-ksur iżda li din għandha wkoll għan repressiv – li jikkorrispondi barra minn hekk għall-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju – u għandha, għaldaqstant, natura kriminali.

35 F'dak li jirrigwarda t-tielet kriterju, għandu jiġi rrilevat li s-sanzjoni amministrattiva pekunjarja li tista' tilħaq ammont li jmur sa għaxar darbiet il-prodott jew il-profitt miksub minn manipulazzjoni tas-suq għandha grad għoli ta' severità li jista' jsostni l-analiżi li din is-sanzjoni hija ta' natura kriminali fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, fatt li hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

*Fuq l-eżistenza tal-istess ksur*

36 Mill-kliem stess tal-Artikolu 50 tal-Karta jirriżulta li dan jipprojbixxi l-ipproċessar jew l-ikkundannar tal-istess persuna iktar minn darba għall-istess ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Orsi u Baldetti, C-217/15 u C-350/15, EU:C:2017:264, punt 18). Bħalma tindika l-qorti tar-rinviju fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, id-diversi proċeduri u sanzjonijiet ta' natura kriminali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirrigwardaw l-istess persuna, jiġifieri S. Ricucci.

37 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterju rilevanti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-istess ksur huwa dak tal-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom li wasslu sabiex il-persuna kkonċernata tinħeles jew tiġi kkundannata b'mod definittiv (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Kraaijenbrink, C-367/05, EU:C:2007:444, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-16 ta' Novembru 2010, Mantello, C-261/09, EU:C:2010:683, punti 39 u 40). Għaldaqstant, l-Artikolu 50 tal-Karta jipprekludi li jiġu imposti, għal fatti identiċi, diversi sanzjonijiet ta' natura kriminali wara proċeduri differenti mnehdija għal dan l-għan.

38 Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ġuridika, fid-dritt nazzjonali, tal-fatti u l-interess ġuridiku protett ma humiex rilevanti għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza tal-istess ksur, sa fejn il-portata tal-protezzjoni mogħtija fl-Artikolu 50 tal-Karta ma tistax tvarja minn Stat Membru għall-ieħor.

39 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tindika li huwa l-istess aġir, li jikkonsisti f'manipulazzjonijiet intiżi li jattiraw l-attenzjoni tal-pubbliku fuq it-titoli ta' RCS MediaGroup, li S. Ricucci ġie akkużat bih, kemm fil-proċeduri kriminali li wasslu għall-kundanna kriminali definittiva tiegħu, kif ukoll fil-proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

40 Minkejja li, bħalma targumenta l-Consob fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, l-impożizzjoni ta' sanzjoni kriminali wara proċeduri kriminali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, teħtieġ, b'differenza għall-imsemmija sanzjoni amministrattiva ta' natura kriminali, element suġġettiv, għandu jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanza li l-impożizzjoni tal-imsemmija sanzjoni kriminali tiddependi minn element kostituttiv addizzjonali meta mqabbla mas-sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali ma hijiex, fiha nfisha, ta' natura li timmina l-identiċità tal-fatti materjali kkonċernati. Bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, is-sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali u l-proċeduri kriminali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għaldaqstant donnhom għandhom bħala suġġett l-istess ksur.

41 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti li tinbeda proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta kontra persuna, bħal S. Ricucci, għal aġir illegali li jikkonsisti f'manipulazzjoni tas-suq li għalih diġà ġiet imposta kundanna kriminali definittiva fil-konfront tiegħu. Issa, tali kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet jikkostitwixxi limitazzjoni tad-dritt fundamentali ggarantit minn dan l-Artikolu 50.

*Fuq il-ġustifikazzjoni tal-limitazzjoni tad-dritt iggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta*

42 Għandu jitfakkar li, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju 2014, Spasic (C-129/14 PPU, EU:C:2014:586, punti 55 u 56), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li limitazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* iggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta tista' tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 52(1) tagħha.

43 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rrikonoxxuti minn din għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Skont it-tieni sentenza tal-imsemmi paragrafu, bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet u għal dawn il-libertajiet biss jekk tali limitazzjonijiet ikunu neċessarji u jekk effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

44 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-possibbiltà ta' kumulu ta' proċeduri u sanzjonijiet kriminali kif ukoll ta' proċeduri u sanzjonijiet amministrattivi ta' natura kriminali hija prevista mil-liġi.

45 Barra minn hekk, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tosserva l-kontenut essenzjali tal-Artikolu 50 tal-Karta, sa fejn din tippermetti tali kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet biss suġġett għal kundizzjonijiet restrittivi, li jiżguraw għaldaqstant li d-dritt iggarantit f'dan l-Artikolu 50 ma jkunx imminat bħala tali.

46 F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-limitazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* li tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfax għan ta' interess ġenerali, mill-proċess fid-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din il-leġiżlazzjoni hija intiża li tipproteġi l-integrità tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni u l-fiduċja tal-pubbliku fl-istrumenti finanzjarji. Fid-dawl tal-importanza li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħti, sabiex jintlaħaq dan l-għan, għall-ġlieda kontra ksur tal-projbizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck, C-45/08, EU:C:2009:806, punti 37 u 42), kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali jista' jkun iġġustifikat meta dawn il-proċeduri u dawn is-sanzjonijiet ifittxu, sabiex jintlaħaq tali għan, għanijiet komplementari li jirrigwardaw, skont il-każ, aspetti differenti tal-istess aġir li jikkostitwixxi ksur ikkonċernat, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

47 F'dan ir-rigward, fil-qasam tal-ksur relatat mal-manipulazzjoni tas-suq, jidher leġittimu li Stat Membru jkun irid, minn naħa, jiddisswadi u jikkastiga kull ksur ta' obbligu, kemm jekk ikun intenzjonali jew le, dwar il-projbizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq u billi jimponi sanzjonijiet amministrattivi stabbiliti, skont il-każ, f'rata fissa u, min-naħa l-oħra, jiddisswadi u jikkastiga ksur ta' obbligi gravi ta' tali projbizzjoni, li huwa partikolarment ta' ħsara għas-soċjetà u li jiġġustifika l-adozzjoni ta' sanzjonijiet kriminali iktar severi.

48 Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dan jeżiġi li l-kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet previst minn leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma għandux jaqbeż il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija minn din il-leġiżlazzjoni, u huwa mifhum li, meta jkun hemm għażla bejn numru ta' miżuri xierqa, għandha tintuża dik li hija l-inqas restrittiva u li l-inkonvenjenti kkawżati minnha ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Frar 2010, Müller Fleisch, C-562/08, EU:C:2010:93, punt 43; tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et*, C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 86, kif ukoll tad-19 ta' Ottubru 2016, EL-EM-2001, C-501/14, EU:C:2016:777, punti 37 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan ir-rigward, hemm lok jitfakkar li, skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/6, moqri flimkien mal-Artikolu 5 tagħha, l-Istati Membri għandhom libertà fl-għażla tas-sanzjonijiet applikabbli fil-konfront ta' persuni responsabbli għal manipulazzjoni tas-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-

23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck, C-45/08, EU:C:2009:806, punti 71 u 72). Fl-assenza ta' armonizzazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam, l-Istati Membri għaldaqstant jistgħu jipprevedu kemm sistema li fiha ksur tal-projbizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq jista' jkun is-suġġett ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet darba biss, kif ukoll sistema li tawtorizza kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-proporzjonalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi ddubitata minħabba l-fatt biss li l-Istat Membru kkonċernat għażel li jipprevedi l-possibbiltà ta' tali kumulu u dan, taħt piena li dan l-Istat Membru titneħħielu din il-libertà ta' għażla.

50 Wara li dan ġie ppreċiżat, għandu jiġi rrilevat li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi tali possibbiltà ta' kumulu hija xierqa sabiex tilħaq l-għan imsemmi fil-punt 46 ta' din is-sentenza.

51 Fir-rigward tan-natura strettament neċessarja tagħha, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha, qabelxejn, tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jippermettu lill-parti f'kawża tipprevedi liema atti u ommissjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet.

52 F'dan il-każ, bħalma jirriżulta mill-elementi li jinsabu fil-proċess fid-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari l-Artikolu 187b tat-TUF, jipprevedi l-kundizzjonijiet li fihom it-tixrid ta' indikazzjonijiet foloz u t-twettiq ta' operazzjonijiet simulati, li jistgħu jipprovdu informazzjoni falza jew qarrieqa rigward l-istrumenti finanzjarji, jistgħu jagħtu lok għall-impożizzjoni ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali. Konformement ma' dan l-Artikolu 187b u fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 185 tat-TUF, tali aġir jista' wkoll, meta effettivament jista' jikkawża bidla sinjifikanti fil-prezz tal-istrumenti finanzjarji, ikun is-suġġett ta' piena ta' priġunerija u ta' multa kriminali.

53 Jidher għaldaqstant, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi, b'mod ċar u preċiż, f'liema ċirkustanzi manipulazzjoni tas-suq tista' tkun is-suġġett ta' kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali.

54 Sussegwentement, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha tiżgura li l-piżijiet li jirriżultaw, għall-persuni kkonċernati, minn tali kumulu jkunu limitati għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-punt 46 ta' din is-sentenza.

55 Fir-rigward, minn naħa, ta' kumulu ta' proċeduri ta' natura kriminali li, bħalma jirriżulta mill-elementi li jinsabu fil-proċess, huma mmexxija b'mod indipendenti, ir-rekwiżit imfakkar fil-punt preċedenti jimplika l-eżistenza ta' regoli li jiżguraw koordinazzjoni intiża li tnaqqas għal dak li huwa strettament neċessarju l-piż addizzjonali li tali kumulu jġib miegħu għall-persuni kkonċernati.

56 Min-naħa l-oħra, il-kumulu ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali għandu jkollu miegħu regoli li jippermettu li jiġi żgurat li s-severità tas-sanzjonijiet imposti kollha tikkorrispondi mal-gravità tal-ksur ikkonċernat, liema rekwiżit jirriżulta mhux biss mill-Artikolu 52(1) tal-Karta, iżda wkoll mill-prinċipju ta' proporzjonalità ta' pieni stipulat fl-Artikolu 49(3) tagħha. Dawn ir-regoli għandhom jipprevedu l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti, fil-każ ta' impożizzjoni tat-tieni sanzjoni, li jiżguraw li s-severità tas-sanzjonijiet imposti kollha ma teċċedix il-gravità tal-ksur ikkonstatat.

57 F'dan il-każ, ċertament, l-obbligu ta' kooperazzjoni u ta' koordinazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-Consob previst fl-Artikolu 187i tat-TUF jista' jnaqqas il-piż li jirriżulta, għall-persuna kkonċernata, mill-kumulu ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali u minn proċedura kriminali minħabba aġir illegali li jikkostitwixxi manipulazzjoni tas-suq. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, fil-każ li tkun ingħatat kundanna kriminali skont l-Artikolu 185 tat-TUF fl-aħħar tal-proċedura kriminali, it-tkomplija tal-proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta'

natura kriminali teċċedi dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-punt 46 ta' din is-sentenza, sa fejn din il-kundanna kriminali hija ta' natura li tiskoraġġixxi l-ksur imwettaq b'mod effettiv, proporzjonat u dissważiv.

58 F'dan ir-rigward, mill-elementi li jinsabu fil-proċess fid-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u li huma mqassra fil-punt 52 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-manipulazzjoni tas-suq li tista' tkun is-suġġett ta' kundanna kriminali skont l-Artikolu 185 tat-TUF għandha tkun ta' ċerta gravità u li l-ksur li jista' jiġi impost skont din id-dispożizzjoni jġib miegħu piena ta' priġunerija kif ukoll multa kriminali skont skala li tikkorrispondi ma' dik prevista għas-sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali msemmija fl-Artikolu 187b tat-TUF.

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-fatt li titkompla proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali skont dan l-Artikolu 187b ikun jeċċedi dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-punt 46 ta' din is-sentenza, sa fejn il-kundanna kriminali mogħtija b'mod definittiv hija, fid-dawl tad-dannu kkawżat lis-soċjetà mill-ksur imwettaq, ta' natura li tiskoraġġixxi dan il-ksur b'mod effettiv, proporzjonat u dissważiv, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

60 Għandu jiżdied, fir-rigward tal-kumulu ta' sanzjonijiet awtorizzat mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li din donnha hija limitata li tipprevedi fl-Artikolu 187l tat-TUF li, meta, għall-istess fatti, multa kriminali […] u sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali […] ikunu ġew imposti, il-ġbir tal-ewwel waħda jkun limitat għall-parti li teċċedi l-ammont tat-tieni waħda. Issa, sa fejn dan l-Artikolu 187l donnu jkopri biss il-kumulu ta' pieni pekunjarji u mhux il-kumulu ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali u ta' piena ta' priġunerija, jidher li l-imsemmi artikolu ma jiggarantixxix li s-severità tas-sanzjonijiet imposti kollha tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju meta mqabbel mal-gravità tal-ksur ikkonċernat.

61 Għaldaqstant, jidher li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tawtorizza, wara kundanna kriminali li saret definittiva, fil-kundizzjonijiet identifikati fil-punt preċedenti, it-tkomplija ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali tmur lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-punt 46 ta' din is-sentenza, fatt li madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

62 Din il-konklużjoni ma hijiex imminata miċ-ċirkustanza li l-piena mogħtija b'mod definittiv skont l-Artikolu 185 tat-TUF tista', skont il-każ, titħassar iktar tard grazzi għal maħfra, bħalma jidher li kien il-każ fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, mill-Artikolu 50 tal-Karta jirriżulta li l-protezzjoni mogħtija mill-prinċipju ta' *ne bis in idem* għandha tkun ta' benefiċċju għall-persuni li jkunu diġà nstabu mhux ħatja jew ikkundannati b'sentenza li saret *res judicata*, inklużi, konsegwentement, dawk li ġiet imposta fuqhom, permezz ta' tali sentenza, sanzjoni kriminali li sussegwentement tħassret grazzi għal maħfra. Għaldaqstant, tali ċirkustanza ma għandhiex rilevanza sabiex tiġi evalwata n-natura strettament neċessarja ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 50 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li titkompla proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali kontra persuna minħabba aġir illegali li jikkostitwixxi manipulazzjoni tas-suq li għalih diġà ngħatat kundanna kriminali definittiva fil-konfront tiegħu, sa fejn din il-kundanna hija, fid-dawl tad-dannu kkawżat lis-soċjetà mill-ksur imwettaq, ta' natura li tiskoraġġixxi dan il-ksur b'mod effettiv, proporzjonat u dissważiv.

### *Fuq it-tieni domanda*

64 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' *ne bis in idem* iggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta jagħtix lill-individwi dritt direttament applikabbli fil-kuntest ta' tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

65 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju li jimponu obbligi speċifiċi u inkundizzjonati, li ma jeħtieġu, għall-applikazzjoni tagħhom, ebda intervent ulterjuri mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew nazzjonali, joħolqu direttament drittijiet għall-individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 1969, Brachfeld u Chougol Diamond, 2/69 u 3/69, EU:C:1969:30, punti 22 u 23, kif ukoll tal-20 ta' Settembru 2001, Banks, C-390/98, EU:C:2001:456, punt 91).

66 Issa, id-dritt li l-imsemmi Artikolu 50 jagħti lill-individwi ma huwa suġġett, skont il-kliem stess tiegħu, għall-ebda kundizzjoni u għaldaqstant huwa direttament applikabbli fil-kuntest ta' tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

67 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet l-effett dirett tal-Artikolu 50 tal-Karta meta kkonfermat, fil-punt 45 tas-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105), li, matul l-eżami tal-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet ta' dritt intern mad-drittijiet iggarantiti mill-Karta, il-qorti nazzjonali li għandha l-obbligu li tapplika, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandha l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ ta' dawn ir-regoli u billi ma tapplikax, fejn huwa neċessarju, fuq awtorità tagħha stess, kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, anki sussegwenti, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra.

68 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* iggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta jagħti lill-individwi dritt direttament applikabbli fil-kuntest ta' tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

### Fuq l-ispejjeż

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza t-tkomplija ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' natura kriminali kontra persuna minħabba aġir illegali li jikkostitwixxi manipulazzjoni tas-suq li għalih diġà ngħatat kundanna kriminali definittiva fil-konfront tiegħu, sa fejn din il-kundanna hija, fid-dawl tad-dannu kkawżat lis-soċjetà mill-ksur imwettaq, ta' natura li tiskoraġġixxi dan il-ksur b'mod effettiv, proporzjonat u dissważiv.**

2) **Il-prinċipju ta' *ne bis in idem* iggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-individwi dritt direttament applikabbli fil-kuntest ta' tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.**

Firem